# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 649/00**

**Numru 23**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Jesmond Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm542.21,0 (hames mija u tnejn u erbghin Lira u wiehed u ghoxrin centezmu mill-konvenut lilha dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 378523, kif jirrizulta mill-statement anness mal-avviz u mmarkat Dok A, liema servizz gie installat fil-fond St. Michael Flats, Flat 2, Triq tal-Mensija, San Gwann, fuq rikjesta tal-konvenut u dan kif jirrizulta mis-"service agreement" anness mal-avviz u mmarkat Dok B.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Awissu 1999 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 u 3 tal-atti u markati Dok "A" u Dok "B".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 ibid)  li biha ecepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda ammont ma' huwa dovut mill-eccipjenti lis-socjeta attrici billi s-servizz gie "disconnected" u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2.  Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-verbali a fol 8, 11 u 12 tal-atti, il-konvenut ma kienx issottometta xi prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, kif hawn fuq citata.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta' attrici, din ipproduciet bhala xhud lil Paul Busuttil (fol 9 u 10 ibid) li kkonferma fix-xhieda tieghu, li l-ammont pretiz fl-avviz kien ghadu dovut waqt li spjega ghaliex l-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut ma kienetx applikabbli ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talba attrici fil-meritu ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm542.21,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Awissu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 1999.

Alan Calleja
Deputat Registratur